IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.2.2022
COM(2022) 30 final

Il-pakkett dwar l-istandardizzazzjoni

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 mill-2016 sal-2020

1 Introduzzjoni

Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012[1] (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament") jipprovdi l-qafas legali li jippermetti lill-Kummissjoni titlob lill-Organizzazzjonijiet Ewropej tal-Istandardizzazzjoni (ESOs)[2] jabbozzaw standards u strumenti ta' standardizzazzjoni għal oġġetti u servizzi b'appoġġ għall-politiki tal-UE u l-liġi tal-UE, għal appoġġ tal-UE għall-funzjonament tas-sistema Ewropea ta' standardizzazzjoni (ESS) u jistabbilixxi kriterji ewlenin għall-funzjonament tal-ESS.

Skont l-Artikolu 24(3) tar-Regolament, il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tiegħu kull ħames snin. L-ewwel rapport ġie ppubblikat fl-2016, u jkopri l-perjodu 2013–2015[3]. Dan ir-rapport ikopri prinċipalment il-perjodu 2016–2020, b'limitazzjonijiet li xi data kienet disponibbli biss sal-2019, iżda, fejn possibbli, jinkludi wkoll fatti u ċifri aġġornati sal-2021. L-Artikoli 24(1) u (2) tar-Regolament jirrikjedu li l-ESOs u organizzazzjonijiet oħra li jirċievu finanzjament mill-UE jissottomettu rapporti annwali dwar l-attivitajiet tagħhom. Dawn ir-rapporti tqiesu fit-tħejjija ta' dan ir-rapport. B'appoġġ għall-ġbir tad-data, ġie kkummissjonat studju[4] indipendenti.

2 Implimentazzjoni tar-Regolament

Il-Kummissjoni nediet għadd ta' inizjattivi u miżuri biex tappoġġa l-implimentazzjoni tar-Regolament. B'appoġġ għall-Istrateġija tas-Suq Uniku[5] tal-2015 u bħala parti mill-Pakkett ta' Standardizzazzjoni[6] tal-2016, il-Kummissjoni nediet Inizjattiva Konġunta dwar l-Istandardizzazzjoni (JIS). F'approċċ ta' diversi partijiet ikkonċernati u ta' sħubija, din l-inizjattiva kellha l-għan li timmodernizza l-ESS, li żżomm l-attraenza, l-effettività u l-effiċjenza tagħha. L-inizjattiva nqasmet f'15-il submiżura differenti, u d-dokumenti huma disponibbli għall-pubbliku[7]. Is-sitwazzjoni attwali ġiet ipprovduta f'Jannar 2018[8]. B'kont meħud ukoll ta' dawn l-inizjattivi u l-azzjonijiet, l-implimentazzjoni attwali tar-Regolament tista' tinġabar fil-qosor kif ġej.

2.1 Trasparenza bejn il-korpi ta' standardizzazzjoni (Artikolu 4)

L-Artikolu 4 tar-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti dwar it-trasparenza tal-istandards bejn l-ESOs u l-korpi nazzjonali tal-istandardizzazzjoni. (NSBs), u bejn dawn l-entitajiet u l-Kummissjoni.

---

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12.

[2] It-tliet organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni skont it-tifsira tar-Regolament huma l-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN), il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika (CENELEC), u l-Istitut Ewropew tal-Istandards tat-Telekomunikazzjonijiet (ETSI).

[3] COM(2016) 212 final.

[4] Studju dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 (l-Artikolu 24)https://doi.org/10.2873/504681 u https://doi.org/10.2873/593923

[5] COM(2015) 550 final

[6] COM(2016) 358 final

[7] https://ec.europa.eu/growth/single-market/european-standards/notification-system_en#jis

[8] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52018SC0015

L-għodod online ffaċilitaw l-aċċess għall-abbozzi ta' standards u t-trasparenza tal-istandards għall-ESOs, l-NSBs l-oħrajn u l-Kummissjoni, kif meħtieġ mill-Artikolu 4. L-aċċess għall-abbozzi ta' standards u t-trasparenza tal-istandards, skont l-Artikolu 4 tar-Regolament fil-livell Ewropew, ġie ffaċilitat mill-għodod online implimentati mill-ESOs fl-2015, peress li introduċew mekkaniżmu li jagħti lill-membri/lill-partijiet ikkonċernati parteċipanti tal-ESO, lill-Kummissjoni u lill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) aċċess online dirett għall-abbozz ta' standards Ewropej u strumenti ta' standardizzazzjoni. Fir-rigward tal-NSBs, fl-2019, madwar 70 % kellhom għodod online li jiffaċilitaw l-aċċess għal abbozzi ta' standards nazzjonali għall-partijiet ikkonċernati rilevanti. Madankollu, abbażi tar-rappurtar mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), l-aċċess għall-attivitajiet tal-NSB għadu sfida.

2.1.1 Gwida

Bħala kompitu addizzjonali biex tippromwovi t-trasparenza, fl-2015, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-ESOs, ħejjiet **Vademecum**[9] li jipprovdi gwida lir-rappreżentanti tal-ESOs, l-uffiċjali tal-Kummissjoni, l-Istati Membri tal-UE u l-partijiet ikkonċernati dwar ir-rwol tat-talbiet ta' standardizzazzjoni mill-Kummissjoni[10], kif jitħejjew u jiġu adottati talbiet ta' standardizzazzjoni[11] u kif għandhom jiġu eżegwiti[12]. Fl-2016[13], il-Kummissjoni ħarġet ukoll **lista ta' kontroll** ġenerali għall-**ESOs biex iwettqu awtovalutazzjoni** meta jħejju u jwasslu l-HENs b'appoġġ għal-liġi tal-UE, sabiex jippromwovu l-kwalità tal-istandards u r-riżultati tanġibbli u l-kwotazzjoni b'suċċess fil-ĠUUE. F'xi każijiet[14], għal ċerti oqsma ta' politika, il-lista ta' kontroll ġiet adattata għall-ispeċifiċitajiet tal-biċċiet ta' leġiżlazzjoni u rekwiżiti settorjali oħra.

Bħala parti mill-gwida komprensiva tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tar-regoli tal-UE dwar il-prodotti, il-**"Gwida Blu"**[15] tinkludi taqsima speċifika dwar l-istandards (it-Taqsima 4.1.2 u l-Anness VI)**..**

2.2 L-inklużività u l-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati, inklużi l-entitajiet tar-riċerka (Artikoli 5 u 9)

L-Artikolu 5 tar-Regolament jirrikjedi li l-ESOs jinkoraġġixxu u jiffaċilitaw rappreżentanza xierqa u parteċipazzjoni effettiva tal-partijiet interessati rilevanti kollha, inklużi l-SMEs, l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur u l-partijiet interessati ambjentali u soċjetali fl-attivitajiet tagħhom tal-istandardizzazzjoni. L-organizzazzjonijiet ta' partijiet ikkonċernati identifikati li bħalissa qed jirċievu l-finanzjament tal-UE (magħrufa wkoll bħala l-"organizzazzjonijiet tal-Anness III") huma l-Istandards għan-Negozji ż-Żgħar (SBS), il-vuċi tal-konsumatur Ewropew fl-istandardizzazzjoni (ANEC), l-Assoċjazzjoni għall-Koordinazzjoni tar-Rappreżentanza tal-Konsumaturi fl-Istandardizzazzjoni (ANEC), il-Koalizzjoni Ambjentali dwar l-Istandards Ambjentali Ewropewj, l-Organizzazzjoni taċ-Ċittadini Ewropej fil-qasam tal-

[9] SWD(2015) 205 final tas-27/10/2015
[10] https://ec.europa.eu/docsroom/documents/13507/attachments/1/translations
[11] https://ec.europa.eu/docsroom/documents/13508/attachments/1/translations
[12] https://ec.europa.eu/docsroom/documents/13509/attachments/1/translations
[13] Ares(2016)6548298 tat-22/11/2016
[14] eż. Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE
[15] https://ec.europa.eu/growth/single-market/goods/building-blocks_en#blue-guide

Istandardizzazzjoni (ECOS) u l-Konfederazzjoni Ewropea tat-Trade Unions (KETU) – li jirrappreżentaw rispettivament lill-SMEs, lill-konsumaturi, l-interessi ambjentali u dawk tal-ħaddiema

Fil-**livell Ewropew** (Artikolu 5(1) tar-Regolament), -organizzazzjonijiet tal-Anness III huma eliġibbli biex jipparteċipaw fil-livell tal-politika fil-korpi ta' governanza tal-ESOs kollha u fil-livell tekniku fil-korpi tekniċi tas-CEN-CENELEC u fil-kumitati tekniċi tal-ETSI. Mill-aħħar rapport, ittieħdu inizjattivi ġodda biex ikomplu jittejbu l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni effettiva tagħhom.

Fl-2017, is-CEN u s-CENELEC implimentaw bidla li permezz l-organizzazzjonijiet tal-Anness III (ANEC, ETUC u ECOS) mhux industrijali jistgħu jippreżentaw opinjonijiet formali dwar l-abbozz tal-istandards (l-hekk imsejjaħ "dritt ta' opinjoni"). Fil-każ ta' opinjoni mhux favorevoli, il-kumitat tekniku responsabbli għall-abbozzar tal-istandard inkwistjoni għandu iqis il-ġustifikazzjoni pprovduta għall-opinjoni u jipprovdi feedback. Dan jista' jwassal ukoll għal reviżjonijiet tal-abbozz ta' standard. Kollox ma' kollox, mill-opinjonijiet formali kollha pprovduti mill-partijiet interessati tas-soċjetà, 76 % kienu favorevoli.

Fl-2017, l-ETSI nieda "programm 3SI" biex jinvolvi ruħu mal-organizzazzjonijiet tal-Anness III. Dan il-programm jinkludi diskussjonijiet madwar mejda mal-uffiċjali tal-ETSI u rappreżentant tal-partijiet interessati fi ħdan l-ETSI (l-"Avukat tat-3SI") għad-diskussjoni tal-kwistjonijiet tal-inklużività. L-ETSI ma introduċa l-ebda mekkaniżmu simili għal dak tas-CEN u tas-CENELEC biex l-organizzazzjonijiet tal-Anness III mhux industrijali jingħataw rwol aktar strutturali fil-proċess tal-iżvilupp tal-istandards, bħal dritt formali ta' opinjoni. In-nuqqas ta' sodisfazzjon tal-ABS bl-inklużività tal-ETSI ġie espress fis-sajf tal-2021 fil-konsultazzjoni pubblika dwar il-pjan direzzjonali[16] għal strateġija futura ta' standardizzazzjoni tal-Kummissjoni, fejn ikkummenta li "l-ETSI s'issa ma ddedikax biżżejjed riżorsi u baġits biex iżid l-inklużività[17] tiegħu", kif imtenni minn assoċjazzjoni oħra tal-SMEs[18]. Opinjonijiet simili ġew trażmessi fir-rapportar rilevanti tal-Artikolu 24 minn organizzazzjonijiet oħra ffinanzjati skont ir-Regolament. Pereżempju, ir-rapport tal-ANEC għall-2019[19] jikkwota: *"L-ETSI jsibha bi tqila li japprofondixxi d-dispożizzjonijiet tiegħu dwar l-inklużività, u jemmen li huwa konformi mar-Regolament. Madankollu, l-organizzazzjonijiet tal-Anness III jemmnu li l-ETSI mhuwiex konformi".* Bl-istess mod, l-ECOS tgħid[20]: *"Il-parteċipazzjoni tal-Anness III fl-ETSI tibqa' aktar kumplessa meta mqabbla maż-żewġ ESOs l-oħra".* Wieħed mill-punti tagħhom huwa li l-inklużività tal-proċess ma tistax tiġi separata mid-drittijiet tal-vot, minħabba li fl-ETSI, id-drittijiet tal-vot tal-partijiet ikkonċernati industrijali huma ogħla mid-drittijiet tal-vot ikkombinati ta' kwalunkwe kategorija oħra ta' partijiet ikkonċernati jew Awtorità. Is-sehem tad-drittijiet tal-vot tal-ETSI mill-NSBs li ġejjin mill-Istati Membri tal-UE huwa ta' madwar 2 %. Id-drittijiet

[16] https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/13099-Standardisation-strategy_en.
[17] https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/13099-Standardisation-strategy/F2665680_en
[18] https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/13099-Standardisation-Strategy/F2665677_en
[19] https://ec.europa.eu/docsroom/documents/44748
[20] https://ec.europa.eu/docsroom/documents/44749

tal-vot minn partijiet ikkonċernati oħra mhux industrijali (is-soċjetà ċivili, l-akkademja, ir-riċerka), bilkemm jista' jiġi kkalkulat f'każ ta' votazzjoni.

Dan it-tħassib ġie rifless minn ċerti kategoriji ta' partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari fil-każ tal-aċċessibbiltà, fejn xi rappreżentanti ta' persuni b'diżabilità tħabtu biex jipperċepixxu l-proċess bħala inklużiv u kellhom jiddependu fuq kuntatti mal-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi. Filwaqt li, strettament, tali kollegament permezz tal-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi mhuwiex kontra r-Regolament, it-tħassib ta' kategoriji differenti ta' partijiet ikkonċernati jistaqsi jekk hijiex qed tiġi riżervata biżżejjed attenzjoni għall-inklużività.

2.2.1 Korpi ta' riċerka

Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Artikoli 5(2) u 9 tar-Regolament, ir-rapporti tal-ESOs[21] jenfasizzaw li kien hemm attivitajiet differenti li jinvolvu organizzazzjonijiet ta' riċerka. Madankollu, ir-rapporti mhumiex ċari għalkollox dwar l-effettività tal-attivitajiet, eż. dwar l-effetti tagħhom fuq l-adozzjoni ta' standards speċifiċi jew parteċipazzjoni akbar.

Fi żvilupp relatat, f'Ottubru 2016, u kif imġedded f'Ottubru 2021[22], is-CEN, is-CENELEC u ċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea (JRC) iffirmaw ftehim ta' kooperazzjoni biex jgħaqqdu r-riċerka u l-innovazzjoni mal-istandardizzazzjoni, biex jgħinu jantiċipaw il-ħtiġijiet ta' standardizzazzjoni u biex jallinjaw ruħhom mal-prijoritajiet strateġiċi.

Il-JRC involva ruħu wkoll mal-Assoċjazzjoni COST permezz tal-JIS fl-informazzjoni u t-taħriġ dwar il-benefiċċji tal-istandardizzazzjoni għar-riċerka u l-innovazzjoni mwettqa fil-Proġetti tal-COST. Permezz ta' din il-link, is-CEN-CENELEC ipprovda diversi moduli ta' taħriġ mill-2019.

2.2.2 Għodod tal-ICT

L-ESOs irrapportaw dwar l-investiment u l-użu tal-għodod tal-ICT biex itejbu l-effiċjenza tal-ESS u jiffaċilitaw attivitajiet ta' standardizzazzjoni (bħall-kooperazzjoni bejn il-membri, il-laqgħat, ix-xogħol ta' abbozzar, l-aċċess għad-dokumenti ta' ħidma u l-istrumenti ta' standardizzazzjoni, u l-komunikazzjoni u l-approvazzjonijiet mill-bogħod).

2.3 Kooperazzjoni bejn l-NSBs u l-ESOs

L-NSBs u l-ESOs stabbilew mekkaniżmi biex jiġu ffaċilitati l-iskambji tal-aħjar prattiki, bħal gruppi konsultattivi, kumitati ta' monitoraġġ, laqgħat u linji gwida. It-tliet ESOs jużaw għadd ta' għodod biex jiffaċilitaw u jtejbu l-iskambju tal-aħjar prattiki fosthom kif ukoll bejn id-delegazzjonijiet nazzjonali (bħal permezz tal-kapijiet tal-laqgħat tad-delegazzjonijiet nazzjonali li jsiru mill-ETSI). L-ESOs jikkooperaw ukoll f'attivitajiet inklużi l-edukazzjoni, it-taħriġ, u r-riċerka u l-iżvilupp f'oqsma differenti relatati mal-istandardizzazzjoni, bħal attivitajiet ta' taħriġ konġunt dwar l-istandardizzazzjoni mwettqa mis-CEN-CENELEC.

[21] https://ec.europa.eu/growth/single-market/european-standards/notification-system_en#article24
[22] https://www.cencenelec.eu/news-and-events/news/2021/pressrelease/2021-10-21-jrc-cen-cenelec-renewed-cooperation/

Lejn l-aħħar tal-2021, xi NSBs esprimew tħassib dwar ir-rwol tagħhom fi ħdan l-ETSI. Għaddejjin diskussjonijiet bejn l-ETSI u xi NSBs Ewropej dwar ir-rikonoxximent tagħhom bħala msieħba strateġiċi għall-istandardizzazzjoni.

2.4 L-aċċess tal-SMEs għall-istandards (Artikolu 6)

Skont l-Artikolu 6(3) tar-Regolament, l-NSBs għandhom iħejju rapport annwali dwar l-attivitajiet tagħhom biex jinkoraġġixxu u jiffaċilitaw l-aċċess tal-SMEs għall-istandards u l-proċeduri ta' żvilupp standard. Dan jinkludi wkoll rapportar dwar l-iskambju tal-aħjar prattiki bil-għan li tissaħħaħ il-parteċipazzjoni tal-SMEs (jiġifieri l-Artikolu 6(2) tar-Regolament). L-istudju li jappoġġa dan ir-rapport għandu statistika preċiża dwar dan is-suġġett[23], u juri l-għadd ta' NSBs li jippermettu li tiġi rrappreżentata l-kategorija relatata tal-partijiet ikkonċernati, skont it-tabella ta' hawn taħt. Pereżempju, l-ewwel valur tat-tabella (29/33) jindika li 29 NSBs ippermettew li l-SMEs jiġu rrappreżentati fis-CEN, mit-33 li kienu assoċjati ma' dik l-ESO.

Partijiet ikkonċernati / ESO / sena	**CEN**				**CENELEC**				**ETSI**			
	2016	**2017**	**2018**	**2019**	**2016**	**2017**	**2018**	**2019**	**2016**	**2017**	**2018**	**2019**
SMEs	29/33	30/34	31/34	31/34	29/33	30/34	31/34	31/34	28/39	29/39	29/39	30/39
Konsumaturi	25/33	24/34	25/34	25/34	20/33	20/34	22/34	22/34	26/39	27/39	27/39	27/39
Partijiet ikkonċernati ambjentali	24/33	24/34	26/34	26/34	18/33	20/34	23/34	23/34	22/39	23/39	23/39	23/39
Partijiet ikkonċernati soċjali	21/33	20/34	23/34	22/34	17/33	18/34	20/34	20/34	19/39	20/39	20/39	20/39

Ta' min jinnota li f'xi każijiet l-għadd totali ta' NSBs assoċjati huwa ħafna ogħla mill-għadd ta' Pajjiżi tal-UE u taż-ŻEE. Dan għaliex l-ESOs jinkludu NSBs mhux tal-UE u mhux taż-ŻEE fil-proċessi ta' żvilupp tagħhom.

Biċċa informazzjoni impressjonanti li ġejja mill-istudju hija li l-NSBs fis-CEN u s-CENELEC "*kienu qed jagħtu aktar u aktar rati speċjali lill-SMEs għall-parteċipazzjoni f'attivitajiet ta' standardizzazzjoni bejn l-2015 u l-2019, filwaqt li l-NSBs tal-ETSI iffaċċjaw xejra ta' tnaqqis f'tali rati speċjali pprovduti*". Dwar din il-kwistjoni, ir-rapport[24] tal-ETSI tal-2019 jgħid ukoll: *"L-ETSI ma joperax skont il-prinċipju tad-delega nazzjonali u għalhekk il-parteċipazzjoni [tal-SMEs] tagħhom fl-organizzazzjoni teknika u l-ħidma tal-ETSI hija diretta permezz tas-sħubija tagħhom fl-ETSI [...]. Huwa biss matul il-proċess ta' approvazzjoni*

[23] https://doi.org/10.2873/504681
[24] https://ec.europa.eu/docsroom/documents/44751

pubblika li dawn il-partijiet ikkonċernati jeħtieġ li jissottomettu l-kummenti tagħhom permezz tal-NSBs tal-ETSI".

2.5 Parteċipazzjoni tal-Awtoritajiet Pubbliċi fl-Istandardizzazzjoni Ewropea (Artikolu 7)

Għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 7 tar-Regolament, ftit hemm informazzjoni sistematika u uffiċjali fir-rapporti lill-Kummissjoni dwar l-involviment tal-Awtoritajiet Pubbliċi fl-attivitajiet ta' standardizzazzjoni. Rapporti mill-ESOs[25] tipikament jirreferu għall-azzjonijiet 4 u 9 tal-JIS[26] bħala eżerċizzji xierqa. Peress li mhijiex disponibbli data preċiża, strument ta' monitoraġġ jista' jiġi kkunsidrat fil-futur.

2.6 Programmi ta' Ħidma Annwali tal-Unjoni (Artikolu 8)

Skont l-Artikolu 8, il-Kummissjoni adottat Programmi ta' Ħidma Annwali tal-Unjoni (AUWP) għall-istandardizzazzjoni Ewropea[27]. Permezz tal-AUWP, il-Kummissjoni tagħti lill-ESOs orjentazzjoni biex jaħdmu fuq l-istandards u r-riżultati tal-istandardizzazzjoni u wkoll kif jista' jissaħħaħ l-involviment tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u l-partijiet ikkonċernati tas-soċjetà fil-proċess. Dan id-dokument tfassal progressivament biex jipprovdi prijoritizzazzjoni fir-rigward tal-politiki tal-UE sabiex jipprovdi sens ta' orjentazzjoni u aspettattiva mill-perspettiva ta' min ifassal il-politika, u jipprovdi wkoll gwida aħjar lill-partijiet ikkonċernati tal-istandardizzazzjoni f'termini ta' twettiq.

2.7 Talbiet ta' standardizzazzjoni (Artikolu 10)

Fl-2015–2019, il-Kummissjoni ħarġet 35 SRs, b'disgħa addizzjonali fl-2020. Minn dawn l-44 SRs, sitta ġew irrifjutati (13.6 %). L-ESOs spiss irrappurtaw ir-raġunijiet li ġejjin għar-rifjut: nuqqas ta' qbil dwar ċerti standards mitluba; nuqqas ta' qbil dwar xi rekwiżiti li jinsabu fl-SR; nuqqas ta' qbil li ċerti speċifikazzjonijiet tekniċi mitluba huma meħtieġa b'appoġġ għal rekwiżit essenzjali speċifiku; jew nuqqas ta' qbil mal-iskadenzi stabbiliti għat-twassil tal-istandards mitluba.

Ir-rifjut tal-SRs jista' jkollu impatti sinifikanti fuq (i) l-implimentazzjoni ta' Suq Intern ġust u effettiv; (ii) il-kompetittività tal-industriji; (iii) il-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati tas-soċjetà; u (iv) is-sovranità teknoloġika tal-Unjoni. Dan jista' jwassal ukoll għal dipendenza fuq standards mhux tal-UE, fejn jista' ma jkunx ċar sa liema punt ġie segwit proċess inklużiv.

Dwar l-eżekuzzjoni tal-SRs, ġara wkoll li, minkejja l-aċċettazzjoni mis-CEN ta' SR, parti biss minnha ġiet implimentata[28].

[25] https://ec.europa.eu/growth/single-market/european-standards/notification-system_en#annual
[26] Azzjoni 4: Titjib fl-għarfien tal-istandardizzazzjoni fl-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali; Azzjoni 9: Inklużività, trasparenza u parteċipazzjoni attiva tal-partijiet ikkonċernati kollha fis-Sistema Ewropea ta' Standardizzazzjoni
[27] https://ec.europa.eu/growth/single-market/european-standards/notification-system_en#annual
[28] fil-każ tad-Direttiva 2014/90/UE dwar it-Tagħmir Marittimu, minkejja l-aċċettazzjoni mis-CEN tar-RS M/557, il-Kumitat Tekniku responsabbli ma għamilx progress fl-implimentazzjoni tagħha, sa fejn kienu kkonċernati l-pajpijiet.

2.7.1 Appoġġ tal-Kummissjoni għall-eżekuzzjoni tat-talbiet ta' standardizzazzjoni (HAS)

Qabel l-2018, kien hemm kuntratt ta' servizz ("Konsulenti tal-Approċċ il-Ġdid" — NACs) biex jgħin lill-ESOs jivverifikaw il-konformità tal-abbozzi tal-HENs mat-talba tal-Kummissjoni. Skont dak il-kuntratt, ir-rata ta' suċċess tar-riżultati tal-istandardizzazzjoni msemmija fil-ĠUUE kienet limitata u akkumulat ammont sostanzjali ta' xogħol b'lura fi standards mhux ikkwotati. F'Marzu 2017, il-bażi tad-data interna tal-Kummissjoni elenkat 596 HEN mhux ipproċessata sottomessi mill-ESOs. Sabiex ikun hemm servizz effettiv għall-implimentazzjoni tar-Regolament, il-Kummissjoni sejħet għal kuntratt ta' servizz ġdid[29] ("HAS"). Fl-implimentazzjoni tas-sistema l-ġdida, il-Kummissjoni tat attenzjoni biex issolvi xi problemi identifikati tal-passat u biex tiżgura:

- in-natura volontarja tas-servizz għall-ESOs, f'konformità wkoll mal-iskema NAC preċedenti;
- separazzjoni ċara tar-rwoli — il-konsulenti la jabbozzaw u lanqas jinnegozjaw il-kontenut tal-HENs, huma jiffukaw fuq il-valutazzjoni ta' jekk il-HENs jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-liġi tal-UE;
- id-disponibbiltà ta' servizzi settorjali biex jiggwidaw dwar dubji, mistoqsijiet jew kwistjonijiet ġodda li jistgħu jinqalgħu fl-abbozzar tal-HENs; u
- ir-rwol tal-Kummissjoni għad-deċiżjoni finali li tikkwota l-HENs fil-ĠUUE.

Il-Kummissjoni strutturat ix-xogħol tal-konsulenti tal-HAS b'mod li ma jdewwimx il-produzzjoni tal-HENs.

Mill-operat tas-sistema ta' konsulenti tal-HAS, minn Diċembru 2021, ix-xogħol b'lura ta' HENs mhux ivvalutati u pproċessati ppreżentat mill-ESOs għal kwotazzjoni fil-ĠUUE tnaqqas għal żewġ standards biss mill-2018 u ħamsa mill-2019, li bħalissa qed jistennew deċiżjoni tal-Kummissjoni.

Mid-9 ta' Diċembru 2021, il-kuntrattur tal-Kummissjoni li jimmaniġġja l-konsulenti tal-HAS irċieva 3312 talba għal valutazzjonijiet ta' abbozzi ta' HENs mill-ESOs, taħt 21 biċċa ta' leġiżlazzjoni tal-UE, li minnhom 2944 ġew ipproċessati u 368 ma kinux eliġibbli[30]. Fis-setturi kollha, 27.58 % biss tal-valutazzjonijiet tal-HAS ħarġu bħala pożittivi[31], prinċipalment minħabba l-inadegwatezza mad-dritt tal-UE, li juri li għandu jiġi investit aktar xogħol fil-proċess ta' żvilupp tal-istandards — eż. fi ħdan il-kumitati tekniċi — sabiex il-ħidma tkun aktar allinjata mar-rekwiżiti ta' politika u dawk legali.

[29] https://ec.europa.eu/growth/content/technical-assistance-area-harmonised-standards_en
[30] eż. għax ma għandhomx x'jaqsmu mal-HENs jew minħabba talbiet żejda
[31] Nota standard wieħed huwa vvalutat minn darbtejn (2) sa erba' (4) darbiet, u kull darba jingħadd separatament f'din l-istatistika. In-numru muri għalhekk mhuwiex indikattiv tal-valutazzjonijiet negattivi li jidhru fi stadju tard.

2.7.2 Produzzjoni u ċitazzjoni tal-HENs

Fl-2016 u l-2017, il-partijiet ikkonċernati kienu qed iqajmu l-kwistjoni ta' ċitazzjonijiet imdewma ta' ċerti HENs. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni ilha tissorvelja l-istadji differenti tal-proċess mill-2018 u r-riżultati relatati huma rrappurtati hawnhekk ukoll għas-sena 2020.

Fl-2018–2020, il-Kummissjoni rċeviet **1247 HEN** b'appoġġ għal-leġiżlazzjoni tal-UE. Minn dawn, **238** kienu sottomissjonijiet mill-ġdid ta' HENs eżistenti skont Regolamenti ġodda. Għalhekk, l-istandards ġodda ppreżentati kienu **1009**, inklużi **76** corrigenda u **267** emenda.

Fl-analiżi li ġejja, dan ir-rapport jiffoka fuq is-sottomissjonijiet il-ġodda, li tqassmu kull sena u għal kull ESO kif ġej:

HENs ikkonsenjati	2018	2019	2020	Totali
CEN	231	216	129	576
CENELEC	134	161	104	399
ETSI	8	11	15	34
Totali	373	388	248	1009

Sad-9 ta' Diċembru 2021, **576** HEN ġew iċċitati fil-ĠUUE, **17** huma fil-proċess li jiġu ċitati, **371** ma ġewx aċċettati u **45** għadhom pendenti għal deċiżjoni.

Abbażi tal-bażijiet tad-data interni tal-Kummissjoni, li jinteraġixxu mal-għodod tal-IT tal-ESO, iż-żmien medjan bejn l-adozzjoni ta' HEN mis-CEN, is-CENELEC jew l-ETSI, u t-twassil formali lill-Kummissjoni għal kwotazzjoni fil-ĠUUE huwa ta' 100 jum. Dan ifisser li l-ESOs jistgħu jieħdu aktar minn tliet xhur biex jissottomettu, lill-Kummissjoni, standard wara li jkun sar disponibbli għall-pubbliku (jiġifieri disponibbli għax-xiri), qabel ma l-Kummissjoni tkun tista' tibda tivvaluta u tipproċessa l-HEN għal kwotazzjoni fil-ĠUUE[32]. Iż-żmien medju (fil-parentesi fit-tabella ta' hawn taħt) huwa ħafna ogħla, minħabba xi każijiet estremi[33].

Żmien medjan (u medju) (jiem) bejn l-adozzjoni u t-twassil tal-ESO lill-Kummissjoni	2018	2019	2020	Totali
CEN	75 (115)	105 (199)	70 (91)	83 (141)
CENELEC	218 (424)	189 (1374)	82 (481)	186 (822)
ETSI	29 (27)	49 (58)	20 (29)	28 (38)
Totali	109 (224)	117 (683)	75 (251)	100 (407)

[32] Il-Kummissjoni ma tistax tibda l-ipproċessar intern tagħha tal-HENs sakemm ma jkunux twasslu formalment mill-ESOs lill-Kummissjoni.

[33] Id-diskrepanza kbira għas-CENELEC hija dovuta għas-sottomissjoni miġbura ta' ċerti standards qodma u emendi aktar reċenti relatati. Peress li xi whud minn dawk l-istandards antiki jmorru lura għas-snin 1990, il-medja tqis id-dewmien fis-sottomissjoni, u għalhekk ir-riżultati huma preġudikati. B'mod partikolari, il-biċċa l-kbira tal-istandards li jwasslu għal dan id-dewmien kbir jistgħu jiġu delimitati għal riżultati tanġibbli skont it-talbiet ta' standardizzazzjoni tal-Kummissjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-Ekodisinn.

Fir-rigward tal-ipproċessar tal-HENs mill-Kummissjoni nnifisha, iż-żmien medjan (medju) mill-kunsinna mill-ESOs lill-Kummissjoni saċ-ċitazzjoni fil-ĠUUE[34] naqas b'mod kostanti, skont it-tabella ta' hawn taħt. Iż-żmien itwal għall-ipproċessar meħtieġ mill-Kummissjoni fl-2019 kien dovut għall-bidla fil-metodu tal-pubblikazzjoni (mis-serje C tal-ĠUUE għas-serje L tal-ĠUUE), li kienet teħtieġ perjodu ta' adattament tranżitorju. Minn dak iż-żmien 'l hawn, il-Kummissjoni naqqset b'mod sostanzjali t-tul tal-proċessi tagħha stess. Fl-2020 u l-2021, il-Kummissjoni kellha prestazzjoni aħjar milli fl-2018 (meta l-kwotazzjoni tal-HENs fil-ĠUUE kienet għadha ssir skont il-proċeduri għall-pubblikazzjoni fis-serje C tal-ĠUUE).

	2018	**2019**	**2020**	**2021**
Żmien medjan (u medju) (jiem) bejn il-konsenja lill-Kummissjoni u l-kwotazzjoni fil-ĠUUE	238 (298)	292 (322)	228 (231)	108 (121)

2.8 Oġġezzjonijiet formali (Artikolu 11)

Fl-2015–2019, ġew ippreżentati total ta' 20 oġġezzjoni formali kontra HENs speċifiċi skont id-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 11 tar-Regolament. Tlieta oħra ġew ippreżentati fl-2020[35]. Id-durata medja ta' oġġezzjoni formali (maħsuba bħala ż-żmien bejn il-preżentazzjoni u r-riżoluzzjoni tagħha) hija ta' 1084 jum, jiġifieri 3 snin.

2.9 Notifika tal-organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati (Artikolu 12)

Il-Kummissjoni stabbiliet paġna web[36] iddedikata għan-notifiki msemmija fl-Artikolu 12.

2.10 Speċifikazzjonijiet tal-ICT (Artikoli 13 u 14)

Ħafna mill-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-ICT l-aktar komuni dan l-aħħar ġew prodotti minn fora u konsorzji privati. L-Artikolu 13 tar-Regolament jippermetti lill-Kummissjoni tidentifika speċifikazzjonijiet tekniċi tal-ICT li għandhom ikunu eliġibbli għar-referenzjar fl-akkwist pubbliku. Dan jippermetti aktar kompetizzjoni fil-qasam u jnaqqas ir-riskju ta' intrappolament fis-sistemi proprjetarji. Lista xierqa ġiet ppubblikata fuq is-sit web tal-Kummissjoni[37].

Barra minn hekk, li jkun hemm standards komuni tal-ICT jiżgura l-interoperabbiltà. Dan sar dejjem aktar importanti peress li ħafna aktar apparati qed jiġu konnessi ma' xulxin. Bil-komunikazzjoni dwar il-Prijoritajiet tal-Istandardizzazzjoni tal-ICT[38] tal-2016, il-Kummissjoni pproponiet li tiffoka r-riżorsi u l-komunitajiet li jistabbilixxu l-istandards fuq

[34] Dan ikopri ż-żmien kollu meħtieġ mill-Kummissjoni biex l-ewwel tevalwa l-HENs riċevuti mill-ESOs u mbagħad twettaq il-proċedura interna li twassal għall-kwotazzjoni tal-HENs fil-ĠU.
[35] https://ec.europa.eu/growth/single-market/european-standards/notification-system_en#objections
[36] https://ec.europa.eu/growth/single-market/european-standards/notification-system_en
[37] https://ec.europa.eu/growth/single-market/european-standards/ict-standardisation/ict-technical-specifications_en
[38] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52016DC0176

ħames oqsma ta' prijorità. L-importanza tal-istandards tal-ICT reġgħet ġiet enfasizzata fl-Istrateġija Industrijali tal-2020[39].

Twaqqfet Pjattaforma Ewropea ta' Diversi Partijiet Interessati dwar l-Istandardizzazzjoni[40] tal-ICT biex tagħti pariri lill-Kummissjoni dwar kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-politika tal-istandardizzazzjoni tal-ICT, inkluż l-istabbiliment tal-prijoritajiet, u l-identifikazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet. Aktar minn 150 azzjoni ġew identifikati u miġbura f'oqsma tematiċi.

3 Il-finanzjament tal-ESS (Artikolu 15, 16 u 17)

Il-finanzjar tal-UE lill-ESOs u lill-organizzazzjonijiet tal-Anness III għall-attivitajiet definiti skont l-Artikoli 15, 16 u 17 tar-Regolament.

Fl-2015-2019, l-għotjiet għall-attivitajiet ta' standardizzazzjoni mill-UE ammontaw għal madwar EUR 105,3 miljun (EUR 85 miljun allokati lill-ESOs u EUR 20 miljun lill-organizzazzjonijiet tal-Anness III). L-UE u l-EFTA jikkofinanzjaw parti mill-ispejjeż u l-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet. L-għotjiet huma pprovduti fil-forma ta' għotjiet operattivi u għal azzjoni. L-għotjiet operattivi jikkontribwixxu għall-baġit operattiv biex iwettqu l-programmi ta' ħidma annwali, li jispeċifikaw l-attivitajiet ippjanati għal kull sena f'konformità mal-objettivi ta' standardizzazzjoni tal-Kummissjoni. L-għotjiet operattivi għall-perjodu 2015–2019 koprew firxa wiesgħa ta' attivitajiet ta' kuljum. L-għotjiet ta' azzjoni ffinanzjaw attivitajiet speċifiċi b'appoġġ għal-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-UE. Fl-2019, l-għotjiet għal azzjoni kienu jammontaw għal 66 % tal-finanzjament tal-UE lill-ESOs u lill-organizzazzjonijiet tal-Anness III. Il-Kummissjoni ssegwi l-eżekuzzjoni tal-attivitajiet iffinanzjati permezz ta' rapportar mill-ESOs.

Fost l-ESOs, is-CEN kien ir-riċevitur ewlieni, li rċieva madwar 71 % tal-finanzjament totali pprovdut lill-ESOs vl-2015 u l-2019, segwit mill-ETSI (22 %) u s-CENELEC (7 %). L-ishma ġenerali tal-finanzjament totali tal-UE lill-ESOs ipprovduti għal għotjiet operattivi u għotjiet għal azzjoni baqgħu ġeneralment stabbli matul il-perjodu ta' rapportar.

L-appoġġ finanzjarju lill-organizzazzjonijiet tal-Anness III għandu l-għan li jtejjeb l-inklużività tal-gruppi ta' interess rispettivi tagħhom fl-iżvilupp tal-istandards, u żdied b'mod ġenerali fl-aħħar 5 snin. Is-SBS u l-ANEC irċevew l-akbar ishma (42,5 % u 34,5 % rispettivament) tal-finanzjament totali tal-UE pprovdut lill-organizzazzjonijiet tal-Anness III bejn l-2015 u l-2019. L-ECOS irċeviet 15,7 % tal-finanzjament totali u l-KETU rċeviet 7,3 %.

Fir-rigward tas-simplifikazzjoni tal-finanzjament tal-ESS u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv, fl-2015, il-Kummissjoni introdukiet mekkaniżmu ta' somma f'daqqa għall-finanzjament ta' ċerti spejjeż fi ħdan il-ftehimiet ta' għotja tagħhom, bħal pereżempju l-jiem meħtieġa għal kull persuna jew l-ispejjeż tal-ivvjaġġar imġarrba. Dan il-mekkaniżmu għen biex jitnaqqas il-piż amministrattiv li jkollu jiġi ġġustifikat u rreġistrat kull każ individwali ta' tali spejjeż.

[39] https://ec.europa.eu/growth/industry/policy_en - industrial-strategy-2020
[40] https://ec.europa.eu/transparency/expert-groups-register/screen/expert-groups/consult?do=groupDetail.groupDetail&groupID=2758

Madankollu, analiżi żvelat li l-benefiċjarji komplew ikollhom inċertezzi rigward ir-rekords meħtieġa għall-awditi potenzjali.

Fir-rigward tar-rekwiżiti ta' rappurtar, il-partijiet ikkonċernati jqisu xi wħud minn dawn l-attivitajiet ta' rappurtar bħala ta' piż. L-abbozzar ta' pjanijiet ta' azzjoni u rapporti għall-għotja operattiva huma l-aktar kompiti li jieħdu ħafna ħin, b'żieda żgħira fil-jiem meħtieġa ta' persuna-jiem mill-2015 'l hawn. Madankollu, filwaqt li d-data rrapportata mill-ESOs turi żieda fil-medja taż-żmien meħtieġ għall-abbozzar ta' proposti għal għotjiet għal azzjoni, dawn juru żmien medju anqas għar-rapportar dwar għotjiet għal azzjoni.

4 Konklużjonis

Dan it-tieni rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 juri li s-sistema Ewropea tal-istandardizzazzjoni tjiebet f'xi aspetti — eż. fir-rigward ta' għodod ġodda tal-IT — iżda li hemm lok għal titjib f'oqsma differenti. Dan japplika b'mod partikolari għal aspetti ta' inklużività, ir-rwol tal-NSBs fl-ESS u ż-żmien tat-twassil tal-HENs lill-Kummissjoni, kif muri hawn fuq.

Fir-rigward taż-żmien għall-ipproċessar tal-istandards u r-riżultati tal-istandardizzazzjoni, kemm l-ESOs kif ukoll il-Kummissjoni jridu jkomplu jtejbu l-isforzi tagħhom biex iżidu l-effikaċja minkejja l-isforzi reċenti tal-Kummissjoni biex tnaqqas b'mod sostanzjali ż-żmien tal-adozzjoni tagħha għall-pubblikazzjoni tal-HENs.